ATT TA' L-2002 DWAR IL-KUNSILL MALTI GĦALL-KULTURA U L-ARTI

Arranġament ta' l-Artikoli

Artikolu

TAQSIMA I - PRELIMINARI

1. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.
2. Tifsir.

TAQSIMA II - TWAQQIF, FUNZJONIJIET U TMEXXIJA TA' L-AFFARIJIET TAL-KUNSILL

3. Twaqqif u għamla tal-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti.
4. Funzjonijiet tal-Kunsill.
5. Tmexxija ta' l-affarijiet tal-Kunsill.
6. Kalendarju ta' Avvenimenti.
7. Skemi għall-allokazzjoni ta' flus jew sussidji lil entitajiet kulturali u artistiċi.
8. Twaqqif ta' korpi magħquda biex jamministraw eċċ. l-attiv kulturali.
9. Relazzjonijiet bejn il-Ministru u l-Kunsill.
10. Personalità ġuridika u rappreżentanza tal-Kunsill.
11. Disposizzjonijiet dwar proċedimenti tal-Kunsill.
12. Forum Nazzjonali

TAQSIMA III – UFFIĊJALI U IMPJEGATI TAL-KUNSILL

13. Ħatriet tal-persunal.
14. Il-ħatriet ikunu skond il-funzjonijiet tal-Kunsill.
15. Inkarigu ta' uffiċjali pubbliċi għal xogħol mal-Kunsill.
16. Status ta' uffiċjali pubbliċi inkarigati jagħmlu xogħol mal-Kunsill.
17. Offerta ta' impieg permanenti mal-Kunsill lil uffiċjali pubbliċi inkarigati jagħmlu xogħol mal-Kunsill.

TAQSIMA IV – DISPOSIZZJONIJIET FINANZJARJI

18. Il-Kunsill joħroġ in-nefqa mid-dħul.
19. Għotjiet bil-quddiem mill-Gvern.
20. Allokazzjoni ta' flejjes lil entitajiet kulturali u artistiċi.
21. Il-Kunsill jista' jissellef jew jiffinanzja kapital.
22. Self mingħand il-Gvern.
23. Estimi tal-Kunsill.
24. In-nefqa tkun skond l-estimi approvati.
25. Pubblikazzjoni ta' estimi approvati.
26. Kontijiet u verifika.
27. Kuntratti ta' provvista ta' xogħol.
28. Rapporti Annwali.

TAQSIMA V — TRASFERIMENT TA' ĊERTU PROPRJETÀ LILL-KUNSILL

29. Trasferiment ta' attiv lill-Kunsill.
30. Kif jiftiehmu l-liġijiet, eċċ.
31. Disposizzjonijiet transitorji.

TAQSIMA VI - MIXXELLANJI

32. Persuni li jitqiesu bħala uffiċjali pubbliċi.
33. Setgħa li jsiru regolamenti.

SKEDI

Lista ta' Entitajiet tal-Gvern
Lista ta' Attiv u Entitajiet

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GEORGE HYZLER
Acting President

26 ta' April, 2002

ATT Nru. V ta' l-2002

ATT biex jipprovdi għat-twaqqif ta' Kunsill li jkun magħruf bħala l-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti biex jinkoraġġixxi u jippromwovi il-kultura f'perspettiva wiesgħa ta' attività socjo-ekonomika, u sabiex jipprovdi dwar affarijiet anċillari ma' dan jew li għandhom x'jaqsmu miegħu.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

TAQSIMA I - PRELIMINARI

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att ta' l-2002 dwar il-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l- Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jew regolamenti jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet u għanijiet differenti ta' dan l-Att.

(3) Avviż taħt subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jista' jagħmel dawk id-disposizzjonijiet transitorji bħalma l-imsemmi Ministru jidhrulu li jkunu meħtieġa jew spedjenti f'dak li għandu x'jaqsam mad-disposizzjonijiet miġjuba fis-seħħ permezz tiegħu.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort' oħra -

"Direttur Esekuttiv'' tfisser persuna li tiġi maħtura taħt subartikolu (1) ta' artikolu 5 ta' dan l-Att;

"impjegat" tfisser persuna impjegata mill-Kunsill;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti mwaqqaf bl-artikolu 3 ta' dan l-Att;

"kuntrattur" tfisser persuna li taġixxi konformi ma' fteħim magħmul mal-Kunsill jew skond is-subartikolu (2) ta' artikolu 5 ta' dan l-Att;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Kultura;

"President" tfisser il-President tal-Kunsill u tinkludi, fiċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikolu (3) ta' artikolu 3 ta' dan l-Att, il-Viċi-President jew kull persuna oħra li tiġi maħtura biex tagħmilha ta' President;

"preskritt" tfisser kif preskritt b'regolamenti magħmulin mill-Ministru taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

"sena finanzjarja" tfisser perjodu ta' tnax-il xahar li jtemm fit-30 ta' Settembru:

Iżda l-ewwel sena finanzjarja tal-Kunsill tibda mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att u ttemm fit-30 ta' Settembru tas-sena li tiġi minnufih wara;

"uffiċjal pubbliku" għar-rigward ta' artikolu 15 ta' dan l-Att, għandha l-istess tifsira bħalma hu mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.

TAQSIMA II - TWAQQIF, FUNZJONIJIET U TMEXXIJA TA' L-AFFARIJIET TAL-KUNSILL

Twaqqif u għamla tal-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti.

3. (1) Ikun hemm korp, li jkun magħruf bħala l-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti, u li jkun magħmul minn President u mhux inqas minn erba' u mhux iżjed minn tmien membri oħra. Wieħed mill-membri jinħatar mill-Ministru responsabbli għal Għawdex.

(2) Il-membri tal-Kunsill jiġu maħtura mill-Ministru għal żmien tliet snin, imma l-membri li jiġu hekk maħtura jkunu eliġibbli biex jinħatru mill-ġdid meta jiskadi ż-żmien tagħhom fil-kariga.

(3) Il-Ministru jista' jsemmi wieħed mill-membri l-oħra tal-Kunsill bħala Viċi-President u l-membru hekk imsemmi jkollu l-poteri kollha u jaqdi l-funzjonijiet kollha ta' President matul l-assenza jew l-inkapaċità tiegħu li jagħmilha ta' President, jew meta l-President ikun fuq btala, jew matul kull vakanza fil-kariga ta' President; u l-Ministru jista' wkoll, f'kull waħda miċ-ċirkostanzi hawn qabel imsemmija, jaħtar persuna oħra biex tagħmilha ta' President u f'dak il-każ ikunu japplikaw id-disposizzjonijiet t'hawn aktar qabel dwar dik il-persuna.

(4) Persuna ma tkunx kwalifikata li jkollha l-kariga bħala membru tal-Kunsill jekk -

(a) tkun Ministru, Segretarju Parlamentari jew Membru tal-Kamra ta' Rappreżentanti, jew

(b) tkun Mħallef jew Maġistrat, jew

(ċ) ikollha interess finanzjarju jew xi interess ieħor f'xi intrapriża jew attività li x'aktarx taffettwa l-qadi ta' dmirijietha bħala membru tal-Kunsill:

Iżda l-Ministru jista' jwarrab l-iskwalifika ta' persuna taħt dan il-paragrafu jekk dik il-persuna tiddikjara li jkollha dak l-interess, u dik id-dikjarazzjoni u t-twarrib ta' l-iskwalifika jiġu ppubblikati fil-Gazzetta.

(5) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-kariga ta' membru tal-Kunsill issir vakanti -

(a) meta jiskadi ż-żmien tiegħu fil-kariga, jew

(b) jekk ikun hemm ċirkostanzi illi, li kieku ma kienx membru tal-Kunsill, kienu jwasslu għall-iskwalifika tiegħu milli jiġi maħtur bħala tali.

(6) Membru tal-Kunsill jista' jitneħħa mill-kariga mill-Ministru jekk, fil-fehma tal-Ministru, dak il-membru ma jkunx idoneu li jibqa' fil-kariga jew ma jkunx baqa' kapaċi li jaqdi dmirijietu kif imiss bħala membru.

(7) Jekk membru jirriżenja jew jekk il-kariga ta' membru tal-Kunsill tkun xort'oħra vakanti jew jekk membru ma jkunx jista' għal xi raġuni jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, il-Ministru jista' jaħtar persuna li tkun kwalifikata li tiġi maħtura bħala membru temporanju tal-Kunsill; u persuna li tiġi hekk maħtura għandha, bla ħsara għal għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5) u (6) ta' dan l-artikolu, ittemm milli tibqa' membru f'dak is-sens meta tiġi maħtura persuna biex timla l-vakanza jew, skond ma jista' jkun il-każ, meta l-membru li ma kienx kapaċi jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu jkompli jwettaq dawk id-dmirijiet.

(8) Membru tal-Kunsill li jkollu xi interess dirett jew indirett f'xi kuntratt magħmul jew propost li jiġi magħmul mill-Kunsill, li ma jkunx interess li jiskwalifika lil dak il-membru milli jibqa' membru, għandu jiżvela x-xorta ta' l-interess tiegħu fl-ewwel seduta tal-Kunsill wara li jkun sar jaf bil-fatti relevanti. Dak il-kxif għandu mbagħad jiġi reġistrat fil-minuti tal-Kunsill, u l-membru li jkollu interess kif hawn qabel imsemmi għandu jirtira minn kull seduta li fiha jiġi diskuss dak il-kuntratt. Tali kxif għandu jitwassal lill-Ministru mingħajr dewmien. Meta l-interess tal-membru jkun tali li jiskwalifikah milli jibqa' membru, huwa għandu jirrapporta l-fatt minnufih lill-Ministru u jagħti r-riżenja tiegħu.

Funzjonijiet tal-Kunsill.

4. (1) Ikun id-dmir tal-Kunsill li jippromwovi il-kultura ta' Malta b'kull għamla ta' espressjoni kreattiva u li jawmenta l-aċċessibilità tal-pubbliku għall-arti, u jkabbar il-patrimonju kulturali ta' Malta kemm fil-pajjiż innifsu u barra mill-pajjiż.

(2) Fil-qadi ta' dmirijietu, il-Kunsill għandu -

(a) jiżviluppa, jimmotiva u jtejjeb il-konoxxenza u l-espressjoni tal-kultura u l-arti, u l-aċċessibilità għalihom;

(b) jissalvagwardja l-iżvilupp dinamiku ta' dawk il-fattizzi kulturali, inklużi fattizzi intellettwali, lingwistiċi u folkloristiċi, li jidentifikaw lill-poplu Malti;

(ċ) jikkollabora mal-Kunsilli Lokali, organizzazzjonijiet mhux governattivi u persuni l-oħra għall-promozzjoni ta' inizjattivi artistiċi u kulturali f'ambjent li jirrikonoxxi l-valur ta' l-kreatività bħala wieħed ċentrali għal komunità matura u b'saħħitha;

(d) jinkoraġġixxi s-sejbien, żvilupp u espressjoni ta' kull potenzjal personali artistiku;

(e) jippromwovi l-parteċipazzjoni, l-inklusività, l-egwaljanza u l-libertà ta' l-espressjoni, pluraliżmu u identità artistiċi fil-kultura;

(f) jadotta attitudni integrata u koperattiva ma' persuni, korpi u organizzazzjonijiet fil-kamp tal-kultura biex jawmenta u jintensifika l-konoxxenza u l-apprezzament ta' attivitajiet kulturali u artistiċi;

(ġ) jippromwovi u jiżgura l-iżvilupp ta' skemi edukattivi li jinkoraġġixxu parteċipazzjoni attiva fi programmi u attivitajiet kulturali u artistiċi;

(ħ) jagħti parir lill-Ministru fuq kull politka u strateġiji kulturali li tinfirex biex tilħaq l-isfera soċjo-kulturali kollha kemm hi;

(i) joħloq u jimplementa strateġiji li jiżguraw l-identità tal-Kultura Maltija sew fil pajjiż innifsu sew barra mill-pajjiż;

(j) jamministra skemi u jerfa' kull responsabbiltà oħra għar-rigward ta' dawk l- entitajiet artistiċi u kulturali kif stipulat fl-Att jew hekk kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi;

(k) xort'oħra jagħti pariri lill-Ministru fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mad-dmirijiet tiegħu taħt dan l-Att jew kull Att ieħor.

(3) Il-Kunsill għandu wkoll:

(a) jissorvelja, kostantement iqis u jevalwa kull livell, xogħol u attività konnessi ma' kull ma hu kulturali u artistiku;

(b) iwettaq studji, riċerka jew investigazzjoni konnessi ma' kull ma hu kulturali u artistiku;

(ċ) jipprovdi informazzjoni u joħroġ linji direttivi, lill-pubbliku u lil entitajiet kulturali, konnessi ma' kull ma hu kulturali u artistiku;

(d) jagħmel dak kollu li jista' jkun meħtieġ għall-qadi kif imiss ta' dmirijietu taħt dan l-Att, inkluż it-twaqqif ta' entitajiet u kumitati oħra skond ma jkun meħtieġ bl-approvazzjoni tal-Ministru;

(e) jaqdi dawk id-dmirijiet l-oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jingħatawlu mill-Ministru.

Tmexxija ta' l-affarijiet tal-Kunsill.

5. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, it-tmexxija ta' l-affarijiet u l-ħidma tal-Kunsill jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill innifsu imma, salv kif hawn qabel imsemmi, t-tmexxija esekuttiva tal-Kunsill, l-amministrazzjoni u l-organizzazzjoni tiegħu u l-kontroll amministrattiv ta' l-uffiċjali u l-impjegati tiegħu, jkunu r-responsabbiltà ta' Direttur Esekuttiv li jkollu wkoll dawk il-poteri l-oħra li jistgħu minn żmien għal żmien ikunu lilu delegati mill-Kunsill.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu il-Kunsill jista' jeserċita dmirijietu permezz ta' kull wieħed mill-uffiċjali jew impjegati tiegħu jew permezz ta' xi entità jew aġenzija awtorizzati għaldaqstant, jew permezz ta' kuntrattur jew xi persuna oħra li magħhom ikun sar ftehim għall-qadi ta' xi wieħed jew iktar minn dawk id-dmirijiet.

(3) Id-Direttur Esekuttiv għandu jattendi kull seduta tal-Kunsill imma ma jivvotax waqt dawk is-seduti:

Iżda l-Kunsill jista', jekk iqis li jkun hekk xieraq, jitlob lid-Direttur Esekuttiv biex ma jattendix għal xi seduta jew parti minn xi seduta.

(4) Id-Direttur Esekuttiv għandu, bla ħsara għall-kontroll ġenerali u d-direzzjoni tal-Kunsill, ikun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' l-għanijiet tal-Kunsill fl-eserċizzju ta' dmirijietu u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak imsemmi hawn aktar qabel huwa għandu -

(a) jassumi kull responsabbiltà għall-amministrazzjoni u organizzazzjoni u l-kontroll amministrattiv ta' l-uffiċjali u l-impjegati tal-Kunsill u għal dak l-għan, jassenja lil kull uffiċjal jew impjegat dawk id-dmirijiet li jistgħu jkunu meħtieġa;

(b) jiżviluppa l-istrateġiji meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-għanijiet tal-Kunsill;

(ċ) jagħti parir lill-Kunsill fuq kull ħaġa li jista' jirriferilu jew fuq kull ħaġa li jqis li tkun meħtieġa jew spedjenti;

(d) jaqdi dawk id-dmirijiet l-oħra li l-Kunsill jista' jassenjalu minn żmien għal żmien.

Kalendarju ta' Avvenimenti.

6. (1) Għall-finijiet ta' dan l-Att il-Kunsill għandu jiżviluppa, jippubblika, jsostni u jimplimenta Kalendarju ta' Avvenimenti li jkun jiżgura programm kontinwu ta' avvenimenti kulturali u artistiċi li jkunu organizzati mill-Kunsill innifsu jew minn korpi, entitajiet jew persuni oħra ffinanzjati jew issussidjati skond l-artikolu 7 ta' dan l-Att.

(2) Il-Kunsill għandu jinkludi wkoll fil-Kalendarju ta' Avvenimenti dawk il-programmi, inizjattivi u avvenimenti kulturali u artistiċi prodotti minn entitajiet, għaqdiet jew persuni oħra apparti dawk imsemmija fis-subartikolu preċedenti ta' dan l-artikolu, u li fil-fehma tal-Kunsill jistħoqqilhom ikunu hekk inklużi għall-aħjar promozzjoni tagħhom.

Skemi għall-allokazzjoni ta' flus jew sussidji lil entitajiet kulturali u artistiċi.

7. Bil-għan li jkattar l-għanijiet tiegħu, il-Kunsill għandu –

(a) jgħaddi bil-quddiem dawk il-flejjes li jistgħu jiġu allokati mill-Gvern għat-tmexxija, l-amministrazzjoni u l-ħtiġiet operattivi ta' l-entitajiet elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att;

(b) jalloka flejjes mogħtija b'donazzjoni lil, jew imqegħda b'fiduċja għand, il-Kunsill minn xi persuna b'għan speċifiku jew għall-promozzjoni tal-kultura u l-arti b'mod ġenerali, u skond dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet, jekk ikun hemm, stipulati minn dik il-persuna:

Iżda meta ma jkun hemm ebda patt jew kondizzjoni marbuta ma' l-allokazzjoni ta' flejjes, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' paragrafu (ċ) ta' dan l-artikolu;

(ċ) jamministra skemi preskritti mill-Ministru għall-fini ta' ffinanzjar jew issussidjar ta' l-organizzazzjoni ta' programmi, inizjattivi u avvenimenti kulturali u artistiċi prodotti minn kull min ikun, entità jew persuna hekk kwalifikati taħt id-disposizzjonijiet ta' regolamenti adatti li jsiru taħt dan l-Att.

Twaqqif ta' korpi magħquda biex jamministraw eċċ. l-attiv kulturali.

8. (1) Il-Ministru jista' b'ordni jistabbilixxi korpi magħquda li jkollhom personalità ġuridika distinta biex jamministraw u jmexxu xi jew kull attiv jew intrapriża li hemm elenkati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(2) Il-Ministru għandu f'dak l-ordni jistabbilixxi l-komposizzjoni u l-poteri tal-korpi regolatorji ta' dawk il-korpi magħquda u għandu jistabbilixxi regoli dwar il-kontabilità, l-kontroll finanzjarju u l-verifika ta' dawk il-korpi kif ukoll ir-regoli dwar kull ħaġa oħra anċillari għal dan li l-Ministru jista' fil-fehma tiegħu iqis li tkun meħtieġa għar-regolamentazzjoni tajba u l-funzjonament kif imiss ta' dawk il-korpi.

(3) Il-Ministru jista' minn żmien għal żmien b'regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jemenda jew jissostitwixxi r-regoli msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(4) Il-Ministru jista' b'ordni bħal dik inehħi kull attiv jew intrapriża mill-amministrazzjoni jew it-tmexxija ta' xi korp magħqud imwaqqaf taħt dan l-artikolu u jista' wkoll b'ordni bħal dak jittrasferixxi dik l-amministrazzjoni jew tmexxija minn korp magħqud hekk imwaqqaf għal xi korp magħqud ieħor, imma ma jistax b'ordni bħal dak ixolji xi korp magħqud imwaqqaf taħt dan l-artikolu.

(5) Il-Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jżid mal-lista ta' attiv u intrapriżi elenkati fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att.

(6) Kull ordni bħal dik imsemmija f'dan l-artikolu għandha tiġi pubblikata fil-Gazzetta malajr kemm jista' jkun.

Relazzjonijiet bejn il-Ministru u l-Kunsill.

9. (1) Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien jagħti lill-Kunsill dawk id-direttivi bil-miktub li huwa jista' jqis meħtieġa, sakemm tali direttivi ma jkunux inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u l-Kunsill għandu, malajr kemm jista' jkun, jagħti effett lil dawk id-direttivi kollha u għandu jmexxi l-affarijiet tiegħu skond dawk id-direttivi.

(2) Il-Kunsill għandu jagħti lill-Ministru faċilitajiet għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-proprjetà u l-attivitajiet tiegħu u jipprovdilu prospetti, kontijiet u kull informazzjoni oħra f'dak ir-rigward, u jagħtih kull faċilità għall-verifika ta' informazzjoni mogħtija, b'tali mod u f'dawk iż-żminijiet li huwa jista' raġonevolment jeħtieġ.

(3) Jekk il-Kunsill jonqos milli jħares xi direttiva maħruġa taħt dan l-artikolu, il-Prim Ministru jista' jagħmel ordni li jittrasferixxi lill-Ministru għalkollox jew f'parti minnhom xi funzjonijiet tal-Kunsill.

Personalità ġuridika u rappreżentanza tal-Kunsill.

10. (1) Il-Kunsill ikun korp magħqud b'personalità legali distinta u jkun kapaċi, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, li jagħmel kuntratti ta' akkwist, pussess u tneħħija ta' kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tiegħu, li jħarrek u jiġi mħarrek, u li jagħmel dak kollu u li jidħol f'dawk it-transazzjonijiet kollha hekk kif inhuma inċidentali jew iwasslu għall-eserċizzju jew il-qadi tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, inkluż it-tislif jew is-self ta' flus.

(2) Ir-rappreżentanza legali tal-Kunsill għandha tvesti konġuntement fil-President u fid-Direttur Esekuttiv:

Iżda l-Kunsill jista' jaħtar lil xi wieħed jew aktar mill-membri jew l-uffiċjali jew l-impjegati tiegħu biex jidhru f'isem u għan-nom tal-

Kunsill fi proċedimenti ġudizzjarji u fuq kull att, kuntratt, istrument jew dokument ieħor li jkun.

(3) Kull dokument li jkollu l-iskop li jkun istrument magħmul jew maħruġ mill-Kunsill u ffirmat mill-President, jew maħruġ mid-Direttur Esekuttiv u ffirmat minnu, jista' jinġieb bi prova u għandu, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, jitqies bħala istrument magħmul jew maħruġ mill-Kunsill jew mid-Direttur Esekuttiv.

Disposizzjonijiet dwar proċedimenti tal-Kunsill.

11. (1) Is-seduti tal-Kunsill għandhom jitlaqqgħu mill-President daqstant drabi daqskemm jista' jkun meħtieġ imma mill-anqas darba kull xahrejn jew b'inizjattiva tiegħu jew fuq talba ta' tnejn mill-membri l-oħra.

(2) Nofs l-għadd tal-membri li f'dak iż-żmien ikunu jikkostitwixxu l-Kunsill jiffurmaw *quorum*. Id-deċiżjonijiet jistgħu jiġu adottati b'maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri preżenti u li jivvotaw. Il-President, jew fl-assenza tiegħu il-Viċi-President jew min jiġi maħtur biex jagħmilha ta' President, ikollu vot inizjali u fil-każ ta' egwaljanza ta' voti, vot deċiżiv. Minħajr preġudizzju għall-ħtiġiet l-oħra ta' dan l-Att, ebda deċiżjoni ma tkun valida jekk ma tkunx mill-anqas appoġġjata minn tliet membri tal-Kunsill.

(3) Il-Kunsill jista' minn żmien għal żmien jistieden persuna tattendi għal xi seduta waħda jew aktar tiegħu sabiex tipprovdi parir espert dwar xi ħaġa li jista' jkun qed jiddiskuti:

Iżda dik il-persuna għandha tkun mistiedna biss għal għadd limitat ta' seduti u f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi suġġett speċifiku u sakemm ukoll li ma tivvotax f'dawk is-seduti.

(4) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att il-Kunsill jista' jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu.

(5) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet t'hawn aktar qabel ta' dan l-artikolu, ebda att jew proċediment tal-Kunsill m'għandu jkun invalidat unikament minħabba fl-eżistenza ta' xi vakanza fost il-membri.

(6) Kull att magħmul minn persuna li taġixxi bonafidi bħala membru tal-Kunsill ikun validu bħallikieku kien membru minkejja li wara kellu jiġi skopert xi difett fil-ħatra jew kwalifiki tiegħu. M'għandu jiġi indagat ebda att jew proċediment tal-Kunsill abbażi tal-ksur, minn xi membru, tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (8) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att.

Forum Nazzjonali.

12. (1) Il-Ministru għandu, darba kull sentejn, ilaqqa' Forum Nazzjonali għall-Kultura u l-Arti, fejn jistieden il-parteċipazzjoni fih tal-Kunsill u ta' l-uffiċjali tal-Kunsill, dipartimenti u entitajiet oħra tal-

Gvern, rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali, għaqdiet mhux governattivi u dawk volontarji, istituzzjonjiet edukattivi, kulturali u artistiċi sew pubbliċi sew privati, kif ukoll rappreżentanti tas-setturi turistiċi, kummerċjali u tal-mezzi ta' komunikazzjoni awdjo-visivi, u kull parti oħra li turi bil-miktub lill-Ministru li għandha interess.

(2) Il-Forum għandu jiddiskuti l-politika nazzjonali dwar il-kultura u l-arti kif tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien, kif ukoll l-istat tal-kultura u l-arti b'mod ġenerali wara li jisma' rapport dwarhom li jkun imħejji mid-Direttur Eżekuttiv.

(3) Il-Ministru għandu jirregola l-proċeduri tal-Forum u jaħtar il-President tiegħu.

(4) Il-proċeduri tal-Forum għandhom ikunu ppubblikati u jiġu mibgħuta lill-Ministru.

(5) Il-Ministru għandu jagħti avviż pubbliku bil-quddiem mill-anqas xahar qabel ma jiltaqa' l-Forum.

TAQSIMA III – UFFIĊJALI U IMPJEGATI TAL-KUNSILL

Ħatriet tal-persunal.

13. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u ta' kull liġi oħra applikabbli għal dan, u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, il-ħatra ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Kunsill għandha ssir mill-Kunsill. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' impieg għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill bi ftehim mal-Ministru.

(2) Id-Direttur Esekuttiv għandu jiġi maħtur mill-Kunsill bi ftehim mal-Ministru għal perjodu ta' tliet snin u dak il-perjodu jista' jittawwal għal perjodi ulterjuri ta' tliet snin soġġett għal twettiq sodisfaċenti:

Iżda l-ewwel Direttur Esekuttiv għandu jiġi maħtur mill-Ministru għal perjodu ta' erba' snin.

Il-ħatriet ikunu skond il-funzjonijiet tal-Kunsill.

14. Il-Kunsill għandu jaħtar u jimpjega, b'dik ir-rimunerazzjoni u b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet hekk kif jista' skond l-artikolu 13 ta' dan l-Att jistabbilixxi, lil dawk l-uffiċjali u impjegati tal-Kunsill li jistgħu minn żmien għal żmien ikunu meħtieġa għall-qadi kif imiss u effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Kunsill.

Inkarigu ta' uffiċjali pubbliċi għal xogħol mal-Kunsill.

15. (1) Il-Prim Ministru jista', fuq talba tal-Kunsill, minn żmien għal żmien jordna li uffiċjal pubbliku jitqabbad jagħmel xogħol mal-Kunsill f'dik il-kapaċità u b'seħħ minn dik id-data li jistgħu jkunu speċifikati fl-ordni.

(2) Il-perjodu li matulu ordni kif hawn qabel imsemmija tkun tapplika għal xi uffiċjal li jkun speċifikat fiha, għandu, kemm-il darba l-uffiċjal ma jirtirax mis-servizz pubbliku, jew xort'oħra jtemm milli jibqa' fil-kariga f'data li tiġi qabel, jew inkella għax tiġi speċifikata data differenti fl-ordni, jtemm mal-ġrajja ta' xi avveniment minn dawn li ġejjin, jiġifieri jekk:

(a) dak l-uffiċjal jaċċetta offerta ta' trasferiment għas-servizz tal-Kunsill u impieg permanenti miegħu konformi ma' l-artikolu 16 ta' dan l-Att; jew

(b) il-Prim Ministru jirrevoka ordni magħmula minnu taħt dan l-artikolu għar-rigward ta' dak l-uffiċjal.

(3) Meta ordni kif hawn qabel imsemmija tiġi revokata mill-Prim Ministru għar-rigward ta' xi uffiċjal, il-Prim Ministru jista', b'ordni ulterjuri, jqabbad lil dak l-uffiċjal jagħmel xogħol mal-Kunsill f'dik il-kapaċità u b'seħħ minn dik id-data li jistgħu jkunu speċifikati fl-ordni ulterjuri u d-disposizzjonijiet tas-sub-artikolu (2) ta' dan l-artikolu għandhom, malli dan, ikunu japplikaw għall-perjodu għal kemm iddum dik l-ordni ulterjuri għar-rigward ta' dak l-uffiċjal.

Status ta' uffiċjali pubbliċi inkarigati jagħmlu xogħol mal-Kunsill.

16. (1) Meta uffiċjal pubbliku jitqabbad jagħmel xogħol mal-Kunsill taħt xi disposizzjoni ta' l-artikolu 15 ta' dan l-Att, dak l-uffiċjal għandu, matul il-perjodu li fih dik l-ordni jkollha effett għar-rigward tiegħu, jkun taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll tal-Kunsill imma huwa għandu għal kull għan u fini ieħor jibqa' u jkun ikkunsidrat u ttrattat bħala uffiċjal pubbliku.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità t'hawn aktar qabel, uffiċjal li jitqabbad jagħmel xogħol kif hawn qabel imsemmi -

(a) m'għandux matul il-perjodu li matulu huwa jkun hekk imqabbad -

(i) ikun prekluż milli japplika għal trasferiment f'xi dipartiment tal-Gvern skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' servizz marbuta mal-ħatra taħt il-Gvern li kellu fid-data li fiha huwa hekk jitqabbad jagħmel ix-xogħol; jew

(ii) ikun hekk impjegat li r-rimunerazzjoni u l-kondizzjonijiet ta' servizz tiegħu ikunu inqas favorevoli minn dawk li jkunu marbutin mal-ħatra taħt il-Gvern u li jkun qed igawdi fid-data hawn qabel imsemmija jew li kieku kienu jkunu marbuta ma' dik il-ħatra, matul dak il-perjodu, li kieku dak l-uffiċjal ma kienx ġie mqabbad jagħmel xogħol mal-Kunsill; u

(b) ikollu jedd li s-servizz tiegħu mal-Kunsill jiġi kkunsidrat bħala servizz mal-Gvern għall-finijiet ta' pensjoni, gratwità, jew benefiċċju taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u l-Att dwar il-Pensjoni tar-Romol u l-Orfni, u ta' kull dritt jew privileġġ ieħor li kien ikollu jedd għalih, u jkun responsabbli għal dak kollu li jista' jkun responsabbli għalih, li kieku ma jkunx ġie mqabbad jagħmel xogħol mal-Kunsill.

Kap. 93
Kap. 58.

(3) Meta ssir applikazzjoni kif hemm provdut fis-subparagrafu (i) ta' paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandha tingħatalha l-istess konsiderazzjoni bħallikieku l-applikant ma kienx ġie mqabbad jagħmel servizz mal-Kunsill.

(4) Il-Kunsill għandu jħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar in-nefqa ta' kull pensjoni u gratwità li jista' jaqla' uffiċjal li jiġi mqabbad jagħmel xogħol mal-Kunsill kif hawn qabel imsemmi matul l-perjodu li fih ikun qed jagħmel dak ix-xogħol.

Offerta ta' impieg permanenti mal-Kunsill lil uffiċjali pubbliċi inkarigati jagħmlu xogħol mal-Kunsill.

17. (1) Il-Kunsill jista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, joffri lil uffiċjal li jkun imqabbad jagħmel xogħol mal-Kunsill taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 15 ta' dan l-Att, impieg permanenti mal-Kunsill b'dik ir-rimunerazzjoni u b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li dak l-uffiċjal ikun qed igawdi fid-data ta' dik l-offerta.

(2) Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kompriżi f'xi offerta magħmula kif hawn qabel imsemmi m'għandhomx jitqiesu li jkunu inqas favorevoli unikament għaliex dawn ma jkunux f'kull rigward identiċi ma' jew aħjar minn dawk li l-uffiċjal involut ikun qed igawdi fid-data ta' dik l-offerta, jekk dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet, meħudin ilkoll flimkien, ikun fil-fehma tal-Prim Ministru joffru benefiċċji sostanzjalment ekwivalenti jew aħjar.

(3) Kull uffiċjal pubbliku li jaċċetta impieg permanenti li jiġi offert lilu mal-Kunsill, taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu, għall-finijiet kollha li ma jkunux dawk ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u l-Att dwar il-Pensjonijiet tar-Romol u l-Orfni, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, itemm milli jibqa' fis-servizz mal-Gvern u jidħol fis-servizz mal-Kunsill fid-data minn meta jaċċetta, u għall-finijiet ta' dik l-Ordinanza u ta' dak l-Att, daqskemm dawn ikunu applikabbli għalih, servizz mal-Kunsill għandu jitqies bħala servizz mal-Gvern fil-parametri tat-tifsiriet relattivi rispettivament.

Kap. 93.
Kap. 58.

(4) Kull uffiċjal bħal dak hawn qabel imsemmi li, minnufih qabel ma jaċċetta impieg permanenti mal-Kunsill kellu jedd għal benefiċċju taħt l-Att dwar il-Pensjoni tar-Romol u l-Orfni, jkompli jkollu dak il-jedd għal benefiċċju taħt dak l-Att għal kull fini bħallikieku s-servizz tiegħu mal-Kunsill kien servizz mal-Gvern.

(5) Il-Kunsill għandu jħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar in-nefqa ta' pensjonijiet u gratwitajiet li jaqla' uffiċjal li jkun aċċetta impieg permanenti mal-Kunsill kif hawn qabel imsemmi matul l-perjodu li jibda għaddej mid-data minn meta dak l-uffiċjal ikun aċċetta.

(6) (a) Għall-għanijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, l-emolumenti pensjonabbli ta' dak l-uffiċjal pubbliku meta jirtira għandhom jitqiesu li jkunu l-emolumenti pensjonabbli li jitħallsu lil xi uffiċjal fis-servizz tal-Gvern fi grad u f'livell inkrementali li jikkorrispondi għall-kariga li jkollu l-uffiċjal meta jirtira minn mal-Kunsill. Kap. 93

(b) Il-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu għandha ssir minn bord li jkun magħmul minn President li jiġi maħtur mill-Ministru responsabbli għall-finanzi u minn żewġ membri oħra, wieħed li jiġi maħtur mill-Ministru responsabbli ċentralment għall-politka dwar il-persunal fis-servizz pubbliku u l-ieħor li jiġi maħtur mill-Kunsill. Il-klassifikazzjoni għandha tkun bla ħsara għall-approvazzjoni finali tal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(ċ) Dik il-klassifikazzjoni għandha ssir fi żmien tliet xhur mill-aġġustament tas-salarji ta' l-impjegati li jkunu fis-servizz tal-Gvern u, jew, ta' impjegati tal-Kunsill.

(d) Ebda kariga ma tkun klassifikata fi grad ogħla minn dak ta' Grad 3 fis-servizz tal-Gvern jew dak il-grad ieħor ogħla li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

(e) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 113 tal-Kostituzzjoni, ħadd ma jista', wara li ssir klassifikazzjoni kif hawn qabel imsemmija, jkollu jedd għal drittijiet taħt l-imsemmija Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, li jkunu inqas favorevoli minn dawk li kien ikollu jedd għalihom qabel dik il-klassifikazzjoni.

TAQSIMA IV – DISPOSIZZJONIJIET FINANZJARJI

Il-Kunsill joħroġ in-nefqa mid-dħul.

18. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, il-Kunsill għandu hekk imexxi l-affarijiet tiegħu li n-nefqa meħtieġa għall-qadi kif imiss ta' dmirijietu għandha, skond kemm ikun prattiku, ssir mid-dħul li jagħmel.

(2) Għal dan l-għan il-Kunsill għandu jiġbor kull dritt, rata u pagament ieħor preskritti b'dan l-Att jew taħtu.

(3) Kull eċċess ta' dħul fuq in-nefqa għandu, bla ħsara għal dawk l-ordnijiet li l-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jista' minn żmien għal żmien jagħti, jiġi applikat mill-Kunsill għall-formazzjoni ta' fondi ta' riserva li jintużaw għall-finijiet tal-Kunsill; u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-poteri mogħtija lill-Ministru b'dan is-subartikolu, kull ordni mogħtija mill-Ministru kif hawn qabel imsemmi tista' tordna t-trasferiment lill-Gvern, jew l-applikazzjoni b'tali mod kif jista' jkun speċifikat fl-ordni, ta' parti mid-drittijiet, rati u pagamenti oħra li jinġabru skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jew ta' dak l-eċċess kif hawn qabel imsemmi.

(4) Il-flus tal-Kunsill li ma jkunux minnufih meħtieġa biex minnhom tinħareġ in-nefqa jistgħu jiġu investiti b'dak il-mod li jista' minn żmien għal żmien ikun approvat mill-Ministru.

Għotjiet bil-quddiem mill-Gvern.

19. Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru, jagħmel għotjiet bil-quddiem lill-Kunsill ta' dawk l-ammonti li jista' jaqbel li jkunu meħtieġa mill-Kunsill sabiex iwettaq id-dmirijiet tiegħu taħt dan l-Att, u jista' jagħmel dawk l-għotjiet bil-quddiem b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li huwa jista', wara konsultazzjoni kif hawn qabel imsemmi, jqis li jkunu adatti. Kull tali għoti bil-quddiem jista' jsir mill-Ministru responsabbli għall-finanzi mill-Fond Konsolidat, u mingħajr ebda approprjazzjoni ulterjuri minbarra dan l-Att, b'ordni ffirmata minnu li tkun tawtorizza lill-*Accountant General* jagħti dawk il-flus bil-quddiem.

Allokazzjoni ta' flejjes lil entitajiet kulturali u artistiċi.

20. (1) Il-Kunsill għandu wkoll jirċievi mingħand il-Gvern minn ġol-Fond Konsolidat dawk l-ammonti li jistgħu jkunu meħtieġa għall-allokazzjoni ta' flus skond l- artikolu 7 ta' dan l-Att.

(2) Mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, il-Ministru jista' jagħti lill-Kunsill direttivi dwar l-applikazzjoni ta' dawk l-ammonti msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

Il-Kunsill jista' jissellef jew jiffinanzja kapital.

21. (1) Għall-fini li jwettaq xi wieħed mid-dmirijiet tiegħu taħt dan l-Att, il-Kunsill jista', bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru li tingħata wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jissellef jew jiġġenera flus b'tali mod, minn dik il-persuna, korp jew awtorità, u taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li l-Ministru jista', wara konsultazzjoni kif hawn qabel imsemmi, japprova bil-miktub.

(2) Il-Kunsill jista' wkoll, minn żmien għal żmien, jissellef, b'*overdraft* jew xort'oħra, dawk l-ammonti li jista' jkun jeħtieġ biex jagħmel dmirijietu taħt dan l-Att:

Iżda għal kull ammont ta' iżjed minn ħamsin elf lira, tkun meħtieġa l-approvazzjoni tal-Ministru bil-miktub.

Self mingħand il-Gvern.

22. (1) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', għal kull ħtieġa tal-Kunsill ta' xorta kapitali, jikkuntratta jew jiġġenera kull self, jew jinkorri passiv, għal dawk il-perjodi u b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li huwa jista' jqis adatti; u kull ammont dovut dwar jew f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi self jew passiv bħal dak għandu jkun nefqa fuq il-Fond Konsolidat.

(2) Għandu kemm jista' jkun malajr jingħata avviż lill-Kamra tar-Rappreżentanti dwar kull self, passiv jew għotjiet bil-quddiem bħal dawk magħmulin jew imġarrba taħt id-disposizzjonijiet t'hawn aktar qabel ta' dan l-artikolu.

(3) Sakemm jiġi ġġenerat dak is-self kif hemm imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jew għall-fini li l-Kunsill jiġi pprovdut b'kapital attiv, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', b'ordni li ġġib il-firma tiegħu, u mingħajr ebda approprjazzjoni ulterjuri li ma tkunx dan l-Att, jawtorizza lill-*Accountant General* jagħmel għotjiet bil-quddiem lill-Kunsill mit-*Treasury Clearance Fund* taħt dawk il-pattijiet li jistgħu jkunu speċifikati mill-Ministru meta jkun qiegħed jagħmilhom.

(4) Ir-rikavat ta' self iġġenerat għall-finijiet li jsiru għotjiet bil-quddiem lill-Kunsill, u l-flejjes l-oħra kollha li għandhom jingħataw lill-Kunsill taħt dan l-artikolu, għandhom jitħallsu ġo fond imwaqqaf proprju għal dak l-għan u li jkun magħruf bħala "Fond ta' Self tal-Kunsill Nazzjonali għall-Kultura u l-Arti".

(5) Dawk l-ammonti li jiġu riċevuti mill-*Accountant General* mingħand il-Kunsill dwar flus li jingħataw bil-quddiem lill-Kunsill taħt subartikolu (3) ta' dan l-artikolu għandhom jitħallsu, għal dawk li jkunu ammonti riċevuti bħala ħlas lura fit-*Treasury Clearance Fund*, u għal dawk li jkunu ammonti riċevuti bħala mgħax fil-Fond Konsolidat.

Estimi tal-Kunsill.

23. (1) Il-Kunsill għandu, sa tmiem Mejju ta' kull sena, jippreżenta lill-Ministru, pjan kummerċjali għat-tliet snin finanzjarji li jmiss flimkien ma' l-estimi ta' l-infiq u d-dħul kapitali u rikorrenti għas-sena li jmiss:

Iżda l-estimi għall-ewwel sena finanzjarja tal-Kunsill għandhom jiġu ppreparati u adottati f'dak iż-żmien li l-Ministru jista' jispeċifika b'avviż bil-miktub lill-Kunsill.

(2) Fit-tħejjija ta' dawk l-estimi l-Kunsill għandu jikkunsidra kull fond u flejjes oħra li jistgħu jkunu dovuti jitħallsu lilu mill-Fond Konsolidat matul is-sena finanzjarja relevanti, kemm bis-saħħa ta' dan l-Att jew ta' xi Att ta' approprjazzjoni, jew ta' xi liġi oħra; u l-Kunsill għandu hekk iħejji dawk l-estimi b'mod li jiżgura li d-dħul kollu kemm hu tal-Kunsill ikun mill-anqas biżżejjed biex minnu jitħallsu l-ammonti kollha ta' flus li jinħarġu kif imiss mill-kont tad-dħul tiegħu inklużi, imma mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dik l-espressjoni, d-deprezzament.

(3) L-estimi għandhom isiru b'dak il-mod u għandu jkun fihom dik l-informazzjoni u dawk il-paraguni ma' snin preċedenti hekk kif il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jordna.

(4) Għandha minnufih tintbagħat kopja ta' l-estimi mill-Kunsill, malli dawn jiġu adottati, lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(5) Il-Ministru għandu ma' l-ewwel opportunità li jkollu, u mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara li jkun irċieva kopja ta' l-estimi mingħand il-Kunsill, japprovhom b'xi emendi jew mingħajr ebda emenda, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

In-nefqa tkun skond l-estimi approvati.

24. (1) M'għandha ssir jew tiġġarrab ebda nefqa mill-Kunsill kemm-il darba din ma tkunx ġiet approvata mill-Ministru kif provdut fl-artikolu 22 ta' dan l-Att.

(2) Ħlief għal flus iġġenerati mill-Kunsill innifsu jew li jiġu riċevuti minn sorsi mhux Statali, il-Kunsill għandu jibqa' fil-parametri tan-nefqa kapitali u rikorrenti lilu allokati mill-Ministru kif awtorizzati mill-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu -

(a) sakemm jiskadu sitt xhur mill-bidu ta' xi sena finanzjarja, jew sakemm ikun hemm l-approvazzjoni ta' l-estimi għal dik is-

sena mill-Ministru, skond liema data tiġi l-ewwel, il-Kunsill jista' jagħmel jew iġarrab nefqa għall-qadi ta' dmirijietu taħt dan l-Att li b'kollox ma tkunx iżjed minn nofs l-ammont approvat mill-Ministru għas-sena finanzjarja ta' qabel;

(b) in-nefqa approvata dwar xi kap jew sotto-kap ta' l-estimi tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru mogħtija wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, ssir jew tiġġarrab dwar xi kap jew sotto-kap ieħor ta' l-estimi;

(ċ) dwar l-ewwel sena finanzjarja, il-Kunsill jista' jagħmel jew iġarrab in-nefqa li b'kollox ma tkunx iżjed minn dawk l-ammonti li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru, jippermetti;

(d) jekk dwar xi sena finanzjarja jirriżulta li l-ammont approvat mill-Ministru ma jkunx biżżejjed jew tkun qamet il-ħtieġa għal nefqa għal xi fini mhux provdut dwarha fl-estimi, il-Kunsill jista' jadotta estimi supplimentari għall-approvazzjoni tal-Ministru, u f'kull każ bħal dak id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li japplikaw għall-estimi għandhom, kemm jista' jkun malajr, ikunu japplikaw għall-estimi supplementari.

Pubblikazzjoni ta' estimi approvati.

25. L-estimi u l-estimi supplementari kollha tal-Kunsill approvati mill-Ministru għandhom, kemm jista' jkun malajr, jitqegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra.

Kontijiet u verifika.

26. (1) Il-Kunsill għandu jiżgura li jinżammu kif imiss kontijiet u *records* oħra li jirrigwadaw it-tħaddim tiegħu u t-transazzjonijiet li jagħmel, u għandu jiżgura li tiġi ppreparata dikjarazzjoni relattiva ta' kontijiet ta' kull tliet xhur u dikjarazzjoni oħra dwar kull sena finanzjarja.

(2) Il-kontijiet tal-Kunsill għandhom ikunu verifikati minn awditur jew awdituri li jiġu maħtura mill-Kunsill u approvati mill-Ministru:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru, jeħtieġ li l-kotba u l-kontijiet tal-Kunsill jiġu verifikati jew eżaminati mill-Awditur Ġenerali li jkollu għal dak l-għan is-setgħa li jagħmel dik il-verifika fiżika u kull aċċertament ieħor li jista' jqis li jkunu meħtieġa.

(3) Il-Kunsill għandu, fuq talba tal-Ministru jew tal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jippreżenta rapporti u kontijiet dwar l-amministazzjoni skond ma jiġi ordnat. Il-Kunsill għandu jara li kopja tad-dikjarazzjoni tal-kontijiet verifikata kif imiss tintbagħat lill-Ministru

u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi flimkien ma' kopja ta' kull rapport magħmul mill-awdituri fuq dik id-dikjarazzjoni jew fuq il-kontijiet tal-Kunsill.

Kuntratti ta' provvista ta' xogħol.

27. (1) Il-Kunsill m'għandux, ħlief bl-approvazzjoni tal-Ministru mogħtija għal raġunijiet speċjali u wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jagħti jew jagħmel xi kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew ta' materjal jew għall-esekuzzjoni ta' xogħlijiet, jew għall-għoti ta' servizzi, lil jew għall-benefiċċju tal-Kunsill, li jkun stmat mill-Kunsill li jeċċedi valur ta' tliet elef lira, jew kull ammont ieħor li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'regolamenti jippreskrivi, ħlief wara li jkun ġie ppubblikat avviż ta' l-intenzjoni tal-Kunsill li jagħmel il-kuntratt u jkunu nħarġu offerti kompetittivi.

(2) Il-Kunsill għandu jsegwi l-proċeduri ta' akkwist kif regolati bir-Regolamenti ta' l-1996 dwar Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku, jew kull emenda relattiva.

A.L. 70 ta' l-1996.

Rapporti Annwali.

28. Il-Kunsill għandu, mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara tmiem kull sena finanzjarja, jibgħat lill-Ministru kopja tad-dikjarazzjoni verifikata tal-kontijiet tiegħu, kopja tar-rapport magħmul mill-awditur jew l-awdituri dwar dik id-dikjarazzjoni jew fuq il-kontijiet tal-Kunsill, flimkien ma' rapport li ġeneralment ikun jittratta dwar l-attivitajiet tal-Kunsill matul dik is-sena finanzjarja u li jkun fih dik l-informazzjoni konnessa mal-proċedimenti u l-politika tal-Kunsill. Il-Ministru għandu jara li kopja ta' kull tali rapport titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra u li tiġi ppreżentata lill-Ministru responsabbli għall-finanzi u lill-Awditur Ġenerali kemm jista' jkun malajr.

TAQSIMA V – TRASFERIMENT TA' ĊERTU PROPRJETÀ LILL-KUNSILL

Trasferiment ta' attiv lill-Kunsill.

29. (1) Il-proprjetà u l-intrapriżi proprjetà tal-Gvern u minnu użati minnufih qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, kif ukoll minnu użati għat-tħaddim tal-funzjonijiet li b'dan l-Att qegħdin jiġu trasferiti lil jew vestiti fil-Kunsill, għandhom, fid-data hawn qabel imsemmija, bis-saħħa ta' dan l-Att u mingħajr ebda assikurazzjoni oħra, jkunu trasferiti lil u jiġu vestiti fil-Kunsill jew fil-korp magħqud jew entità kif indikat mill-Ministru li bih kienu miżmuma mill-Gvern minnufih qabel dik id-data. Id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu m'għandhomx japplikaw għal proprjetà immobbli.

(2) L-użu u l-amministrazzjoni ta' l-attiv immobbli minn żmien għal żmien speċifikati f'ordni magħmula mill-Ministru responsabbli għall-artijiet f'konsultazzjoni mal-Ministru u ppubblikata

fil-Gazzetta (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-attiv immobbli") li jkun attiv immobbli li minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att kien proprjetà tal-Gvern u minnu użati għat-thaddim tal-funzjonijiet li b'dan l-Att qegħdin jiġu trasferiti lil jew vestiti fil-Kunsill, għandhom, b'seħħ minn dik il-ġurnata li tista' tkun speċifikata f'xi ordni bħal dik u bis-saħħa ta' dan l-Att u mingħajr ebda assigurazzjoni oħra, jkunu vestiti fil-Kunsill jew fil-korp magħqud jew entità li jkunu hekk imsemmija f'dik l-ordni magħmula mill-imsemmi Ministru.

(3) It-trasferiment u l-vestiment hawn qabel imsemmija għandhom jestendu għal dik il-proprjetà u dawk l-intrapriżi kollha kemm huma u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità hawn qabel imsemmija, għandhom jinkludu kull impjant, tagħmir, apparat, strument, vettura, inġenju, bini, struttura, stallazzjoni, art, triq, xogħol, ħażna u proprjetà oħra, mobbli jew immobbli, attiv, setgħa, jedd u privileġġ u kull ħaġa meħtieġa jew anċillari għal dawn, li jkunu qegħdin jinżammu jew jiġu gawduti f'konnessjoni magħhom jew li jkunu jappartjenu għalihom, kif ukoll kull obbligazzjoni li taffettwa jew tkun konnessa ma' xi proprjetà jew intrapriżi hawn qabel imsemmija jew xi ħaġ'oħra fihom inkluża kif hawn qabel imsemmija.

(4) Kull trasferiment ta' proprjetà, kemm mobbli kemm immobbli, għandu jkun suġġett għal dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha li l-Ministru jista' jqis meħtieġa sabiex jiżgura li dik il-proprjetà tkun esklużivament użata għal finijiet kulturali u artistiċi jew għal finijiet anċillari għal dan.

Kif jiftiehmu l-liġijiet, eċċ.

30. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, kull liġi, regola, regolament, ordni, sentenza, digriet, lodi, att, titolu, kuntratt, ftehim, istrument, dokument, mandat u arranġament ieħor, li jkun jeżisti minnufih qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att li jaffettwa jew ikun konness ma' xi waħda mill-proprjetajiet jew intrapriżi trasferiti lill-Kunsill b'dan l-Att jew taħtu, jkollu kull seħħ u effett kontra jew favur il-Kunsill, u għandu jkun fis-seħħ liberament u effettivament, bħallikieku minflok il-Gvern jew l-awtorità tal-Gvern, kien hemm imsemmi jew kien hemm parti fih il-Kunsill, u hekk ukoll fis-sostituzzjoni tal-Gvern jew l-awtorità tal-Gvern.

Disposizzjonijiet transitorji.

31. (1) Meta xi ħaġa tkun inbdiet minn jew taħt l-awtorità tal-Gvern qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att u dik il-ħaġa jkollha x'taqsam ma' xi proprjetajiet jew intrapriżi jew xi dritt jew responsabbiltà trasferiti lill-Kunsill bi jew taħt dan l-Att, dik il-ħaġa tista tkompli titwettaq u tiġi mitmuma mill-Kunsill jew kif awtorizzat minnu.

(2) Meta minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, ikun għad hemm proċedimenti legali pendenti li fihom il-Gvern ikun jew ikollu titolu li jkun parti, u dawk il-proċedimenti jkollhom x'jaqsmu ma' xi proprjetajiet jew intrapriżi, jew ma' xi dritt jew responsabbiltà trasferiti lill-Kunsill bi jew taħt dan l-Att, il-Kunsill għandu, sa mid-data hawn qabel imsemmija, jiġi sostitwit f'dawk il-proċedimenti għall-Gvern, jew għandu jsir parti fihom bl-istess mod kif seta' ġie sostitwit il-Gvern, u dawk il-proċedimenti m'għandhom qatt jittiefsu minħabba f'dik is-sostituzzjoni.

(3) Il-Ministru jista' b'ordni jagħmel dawk il-provvedimenti inċidentali, konsegwenzjali u supplementali li huwa jista' jqis meħtieġa jew spedjenti għall-fini li jiddetermina, kif imiss, l-attiv trasferit lill-Kunsill b'dan l-Att u jiżgura u jagħti kull effett lit-trasferiment ta' proprjetà jew intrapriża jew lil kull dritt jew responsabbiltà lill-Kunsill b'dan l-Att u jagħmel dawk l-ordnijiet li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jagħmel kull poter u dmir eserċitabbli mill-Gvern għar-rigward ta' xi proprjetà jew intrapriża trasferiti eserċitabbli minn jew f'isem il-Kunsill.

TAQSIMA VI - MIXXELLANJI

Persuni li jitqiesu bħala uffiċjali pubbliċi.
Kap. 9

32. Il-membri tal-Kunsill, il-membri u l-uffiċjali u l-impjegati kollha tal-Kunsill għandhom jitqiesu li huma uffiċjali pubbliċi fil-parametri tat-tifsira fil-Kodiċi Kriminali.

Setgħa li jsiru regolamenti.

33. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Kunsill, jagħmel regolamenti dwar xi funzjoni tal-Kunsill u dwar kull ma hemm preskritt taħt dan l-Att.

(2) Il-Ministru jista' wkoll permezz ta' regolament jemenda l-Iskedi li jinsabu ma' dan l-Att.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu, il-Ministru jista' wkoll jagħmel regolamenti dwar:

(a) proċeduri amministrattivi u organizzattivi li għandhom jiġu segwiti mill-Kunsill, mid-Direttur Esekuttiv u minn kull entità imsemmija f'xi waħda mill-Iskedi ta' dan l-Att;

(b) skemi għall-fini ta' finanzjament jew sussidjar ta' programmi, inizjattivi u avvenimenti kulturali u artistiċi;

(ċ) kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' l-uffiċjali u l-impjegati tal-Kunsill;

(d) kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' l-infiq u d-dħul tal-Kunsill, l-estimi u l-kontijiet tiegħu, u l-verifika tagħhom.

L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 7)

Lista ta' Entitajiet tal-Gvern

1. Fondazzjoni Partrimonju Malti
2. Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ
3. Teatru Manoel (Kumitat ta' Tmexxija)
4. Dar il-Mediterran għall-Konferenzi
5. Orkestra Nazzjonali
6. Ċentru għall-Kreattività fil-Kavallier ta' San Ġakbu

IT-TIENI SKEDA

(Artikolu 8)

Lista ta' Attiv u Entitajiet

1. It-Teatru Manoel (Kumitat ta' Tmexxija)
2. Dar il-Mediterran għall-Konferenzi

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 723 tas-16 ta' April, 2002.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati